# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1146/97

Joseph Baldacchino

vs

Korporazzjoni Telemalta u b' digriet tas-17 ta' Frar 2000 giet korretta ghal Maltacom p.l.c. bhala successur tal-istess

Illum 11 ta' Lulju, 2002

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li permezz tieghu r-rikorrent semma illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' Gunju 1988 jew sussegwentement, huwa sofra ingustizzja meta saret jew inghatat, bi pregudizzju ghall-istess esponenti, distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita u dan billi l-esponenti ma inghatawx il-grad ta' Professional Officer II nonstante illi huwa kien qed jaghmel xoghol ta' dan il-grad fuq

direttivi tal-management ta' l-istess Korporazzjoni li kienu ikkonfermaw li dan il-grad kellu jinghatalu;

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

1. L-esponenti kien jahdem mal-Korporazzjoni intimata bhala Personnel Officer mis-sena 1978 sas-sena 1988. F' Gunju tas-sena 1988 il-General Manager tal-Korporazzjoni intimata, dak iz-zmien is-sur Tony Debono, kien baghat ghall-esponenti u talbu jittrasferixxi ruhu fit-Trasport Office peress li t-Transport Officer, is-Sur Karmenu Mifsud, li dak iz-zmien kien in charge mis-sezzjoni, ma riedx jibqa' jokkupa dik il-kariga.

2. Is-Sur Debono kien informa lir-rikorrent illi f'din il-kariga huwa xtaq li jkun hemm persuna bil-kwalitajiet u esperjenza li kellu r-rikorrenti u zied jghidlu wkoll illi ghal dan l-inkarigu l-Korporazzjoni kellha l-hsieb li t-Transfer Officer mahtur jinghata l-grad ta' Professional Officer II. Dan il-hsieb gie wkoll konfermat mic-Chairman tal-Korporazzjoni intimata, dak iz-zmien is-Sur John Scicluna, fil-presenza tar-rikorrenti. Dan l-inkarigu l-esponenti assumieh fit-22 ta' Gunju 1988 u baqa' b'dan l-inkarigu sa April 1992. Dan il-grad ta' P.O. II baqa' ma inghatax lill-esponenti li minflok inghata lil persuna ohra li hadet l-istess inkarigu wara l-esponenti, liema persuna li kellha l-grad ta' Clerk I, hadet il-grad ta' P.O. II wara sena minn meta bdiet dan l-inkarigu;

3. Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li l-esponenti bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu;

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u jinghata rimedju billi jigi ordnat:

1) Illi r-rikorrent jinghata l-promozzjoni ta' Professional Officer II u s-seniority rispettiva tal-grad fih promoss b'sehh minn Gunju tas-sena 1988 jew dik id-data li dan it-Tribunal jidhirlu xierqa u konsegwentement jigi aggustat il-grad u/jew l-iskala tieghu prezenti;

2) Illi tigi imhallsa lir-rikorrent dik is-somma li dan it-Tribunal joghgbu jillikwida, liema somma tirrapprezenta d-differenza fl-ammont ta' dhul bhala income u beneficcji ohra li huwa ma hax u danni ohra li huwa sofra minhabba tali ingustizzja;

3) Jew inkella jekk dawn it-talbiet ma jistghux jintlaqghu, li jigi ordnat li jithallas lill-esponenti kumpens f'ammont ta' hamest elef lira (LM 5,000) jew somma ohra li dan it-Tribunal joghgbu jiffissa.

Ra l-elenku tax-xhieda.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni intimata li permezz taghha ecepixxa :

1) Illi l-korporazzjoni tichad li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2) Illi skond ir-records tal-kumpanija r-rikorrent kien gie trasferit mis-sezzjoni tal-Personnel ghas-sezzjoni tat-Trasport f' Gunju 1988 wara li Karmenu Mifsud, officer-in-charge tat-Trasport (fil-grad ta' Administrative Assistant) kien talab li jigi trasferit minn din is-sezzjoni.

3) Ir-rikorrent baqa' jokkupa l-kariga ta' Officer in Charge Transport (fil- grad ta' Administrative Assistant) sat-12 ta' Marzu 1992 meta gie trasferit ghas-sezzjoni tal-"Construction & General engineering Works". Minflok ir-rikorrent kien intbaghat Salvu Seychell (fil-grad ta' Clerk I).

4) Fit-18 ta' Jannar 1994 (sentejn wara li ntbaghat Officer in Charge Transport) Salvu Seychell kien gie mahtur "Head Transport" fil-livell ta' Professional Officer.

Ghaldaqstant il-korporazzjoni talab li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent fejn semma illi jahdem mal-Kumpanija Maltacom p.l.c., qabel maghrufa bhala Telemalta Corporation , fil-Grad Ufficjal fi skala 6 u kien gie impjegat mat-Telemalta fl-24 ta' April, 1978 bhala Clerk I. Fl-1 ta' Jannar 1979 inhatar Ufficjal Ezekuutiv, fl-1 t'Ottubru 1986 inhtart bhala Adminstrative Assistant u bis-sahha tar-Riforma tac-Civil tal-1994 sar Principal. Fit-12 t'Awissu 1998 kien gie mghoti Performance Contract fil-kariga ta' Early Retirement Schemes Coordinator, grad fi skala 6.

Hu sostna li saret ingustizzja mieghu meta ma giex mghoti l-promozzjoni ta' P.O. II. li kienet giet mweghda lilu. Semma illi wara li kien ilu jahdem bhala Discipline Officer sa mill-1983 liema kariga kienet diretta mal-General Manager, fil-1988 il-kariga ta' Transport Officer kienet saret problema ghax il-persuna li kienet tmexxi din is-sezzjoni, is-Sur Carmelo Mifsud, hareg bis-Sick Leave u ghamilha cara li hu ma jridx jahdem f'din is-sezzjoni. Din is-sezzjoni tat-Transport kienet tikkonsisti f'146 impjegati bil-karozzi impressed flimkien mal-100 vettura

ohra tal-kumpanija. Meta l-Kumpanija sabet ruhha f'din is-sitwazzjoni li ma kellhiex min imexxi din is-sezzjoni, il-General Manager ta' dak iz-zmien, is-Sur Anthony Debono kien baghat ghalih fl-ufficju tieghu u qallu bis-sitwazzjoni u qallu li kien tkellem mac-Chairman is-sur John Scicluna li peress li kien jaf il-kapacita' tieghu ta' kif jaffaccja n-nies fil-kwalita' tat-Transport kien ippropona lilu biex jidhol ghal din il-kariga. Is-Sur Anthony Debono, kien qallu li l-post ta' Transport Officer se jkun dak ta'Skala ta' Prof. Officer II.

Mill-ufficju stess tac-Chairman kien cempel lis-Sur Mifsud biex jghidlu illi effettivament il-kariga kienet ta' Transport Officer se ssir ta' P.O. II. Mifsud kien qallu biex f'dik is-sezzjoni u li kien se jaghmillu pjacir ghax it-transfer kien jista' jsir aktar malajr. Ir-rikorrent kien accetta l-proposta tal-General Manager. Malli accetta s-Sur Debono hadu fl-ufficju tac-Chairman is-sur John Scicluna u qallu li r-rikorrent kien qieghed jaccetta li jigi trasferit ghall-ufficju tat-Transport bhala Transport Officer. Is-Sur Scicluna rega' kkonferma quddiem ir-rikorrent u quddiem is-sur Anthony Debono li bhala Transport Officer ghandi jsir fi Skala ta' P.O.II. Kien transferit mill-ghada stess, it-22 ta' Gunju 1988, ghall-ufficju tat-Transport bhala Transport Officer. Hadem b'entuzjazzmu kbir ghal erba' snin shah sat-12 ta' Marzu 1992. Qatt ma gie moghti xi charge jew warning

Gara izda li fit-12 ta' Marzu 1992 minflok ma gie moghti l-promozzjoni giet minflok trasferita ghas-sezzjoni tal-Construction & General Engineering Works biex jahdem bhala Clerk meta hu kellu l-kariga ufficjali ta' Ass. Principal u biex

zgur jigi offiz izjed bghatu bniedem floku, is-Sur Saviour Seychell li kien fi grad ta' Clerk I biex imexxi l-istess sezzjoni meta fl-istaff ta' tahtu kellu tlieta minn nies li kienu akbar minnu fil-grad cioe John Bonnici u John Bezzina li kienu Chargehand u Alfred Caruana li kien Ass. Principal. Qatt ma gie mghoti raguni ghal dan it-transfer.

Fi ftit xhur wara li s-Sur Saviour Seychell beda jahdem fit-Transport Office gie mghoti il-Grad ta' P.O. II li kien imwieghed lir-rikorrent u f'erba snin ma nghatax.

In kontro ezami hu semma li kien verament sorpriz b' dak li kien gara minhabba l-fatt li hu dejjem kliem ta' tifhir kellu fuq xogholu. It-transfer tal-1992 kienu tawhulu bil-miktub wara li kien eziga li t-transfer ikun bil-miktub.

Xehed is-Sur Tony Debono li llum il-gurnata huwa konsulent tac-Chairman pero` li bejn l-1983 u l-1997 kien General Manager tal-Maltacom u Chief Executive. Semma li jaf lil Joseph Baldacchino u li jiftakru sewwa fil-Personnel Department jiehu hsieb id-dixxiplina, pero` li mbaghad eventwalment kien mibghut is-sezzjoni tat-trasport li kien jiehu kariga hemmhekk. Dak iz-zmien mal-Maltacom kienu jahdmu kwazi elfejn ruh u l-aktar sezzjoni li kellhom bzonn ftit tad-dixxiplina kienet propju s-sezzjoni tat-trasport u r-raguni hija li kien hemm numru ta' impjegati bl-imprest u naturalment dawn riedu l-aktar id iebsa biex tmexxihom u kien hass li Joseph Baldacchino kien wiehed nies adattati ghall-kariga. Semma li Baldacchino kien kapaci

jimplimenta d-dixxiplina anke ma' nies ftit aggressivi. Fil-personnel kien is-second in command. Fil-fatt Baldacchino ma tantx kien ha gost li ntbaghat is-sezzjoni tat-trasport pero` hu kien qallu "isma hemmhekk sejjer f' post fejn ghandek bieb li ser jinfetahlek ghal promozzjonijiet ulterjuri u cioe` ghal head of transport. Fl-1992 Chairman kien hemm John Scicluna pero` bejn l-1992 u l-1996 kien hemm Dr. Richard Galea Debono. Semma li c-Chairman ta' dak iz-zmien is-Sur Scicluna lir-rikorrent kien ghamillu kliem ta' inkuraggament fl-istess sens li kien ghamillu hu u qallu li jekk jipprova lilu nnifsu bhala kapaci sejjer jivvantaggja minnha. Fit-trasport floku mar Saviour Seychell li kellu kariga inferjuri ghal dik tar-rikorrent. Sema li ma kellux x' jaqsam ma' din id-decizjoni. Sostna li r-rikorrent kien bniedem li jmexxi sewwa u li kellu l-akbar fiducja fih u meta baghatu fit-trasport kien l-aktar persuna adattata.

Xehed <u>David Buttigieg</u> li fiz-zmien li xehed kellu l-kariga ta' Executive Principal fis-sezzjoni tal-Human Resources mal-Maltacom li kkonferma l-kontenut tar-risposta. Semma li r-rikorrent kien fil-grad ta' Administrative Assistant u gie trasferit mis-sezzjoni tal-Personnel ghas-sezzjoni tat-Trasport f' Gunju 1988 wara li Karmenu Mifsud li dak iz-zmien kien Officer in Charge Transport fil-grad ukoll ta' Administrative Assistant kien talab sabiex jigi trasferit minn din is-sezzjoni. Ir-rikorrent kien baqa' jokkupa l-kariga ta' Officer in Charge mit-Transport fil-grad dejjem ta' Administrative Assistant sat-12 ta' Marzu 1992, kwazi erba' snin, meta mbaghad gie trasferit ghas-sezzjoni tal-Construction and General Engineering Works. Minnflok is-Sur

Baldacchino kien intbaghat certu Salvu Seychell li kien jokkupa l-grad ta' Clerk I. Eventewalment Seychell inhatar Head Transport fil-livell ta' Professional Officer II b' effett mit-18 ta' Jannar 1994. Kien ghadu kif inbidel ic-Chairman u kien sar Dr. Richard Galea Debono. Ma rrizuiltax li kien hemm xi talba ghal-trasferiment minn naha tar-rikorrent. Semma li bejn Clerk I u Administrative Assistant kien hemm il-grad ta' Executive Officer jigifieri l-karigi jigu Clerk I, Executive Officer, Administrative Assistant, Administrative Officer, Professional Officer I u Professional Officer II u ghalhekk huwa veru li Seychell kien ha xi hamsa, sitt promozzjonijiet f' daqqa f' temp ta' sentejn izda Salvu Seychell huwa bniedem efficjenti. Huwa veru wkoll li dak iz-zmien kellu l-kariga ta' Deputat Segretarju Generali tal-Partit Laburista.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent kien bniedem ta' kapacitajiet kbar u fil-fatt kellu hafna fiducja fuqu. Tant kemm hu hekk li meta f' sezzjoni mimlija bi problemi bhal ma hija dik tat-trasport il-Management tal-kumpanija Maltacom iddecieda li jibghat persuna ohra propju staqsa ghar-rikorrent minhabba l-kwalitajiet pozittivi tieghu. Izda gara li effettivament minnflok ma baqa' hemmhekk ir-rikorrent, wara erba' snin dan gie trasferit ghal sezzjoni ohra biex jaghmel il-wisgha ghal Salvu Seychell li dak iz-zmien kien ghadu Clerk I u eventwalment biex lahaq il-promozzjoni fl-1994 ta' Professional Officer II ha hamsa, sitt promozzjonijiet u ghalhekk fi ftit kliem ir-rikorrent gie mwarrab biex jaghmel wisgha ghal dan. Dwar seniority it-Tribunal gja

kellu l-opportunita` diversi drabi jitkellem fuq dan l-aspett. Fil-kawza ta' Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98]."

Issa f' dan il-kaz zgur ma rrizultawx kwalitajiet negattivi fil-konfront tar-rikorrent. Irrizulta veru li l-persuna li saret minnfloku kellha kwalitajiet pozittivi pero` l-ewwelnett ma rrizultax li kellu kwalitajiet pozittivi aktar mill-istess rikorrent, it-tieni haga dan it-Tribunal ihossu meraviljat kif bniedem jista' jiggwadanja sitt promozzjonijiet f' temp ta' sentejn b' riferenza ghall-persuna l-ohra li hadet il-hatra.

Illi ghalhekk it-Tribunal ihoss li jirrizultaw l-elementi ta' ingustizzja kif definiti fil-Kapitolu 394 tal-Ligijiet ta' Malta, jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata, jilqa' t-talba tar-

rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Professional Officer II b' effett mit-18 ta' Jannar 1994, jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar u jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.